**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2007**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| **IR-RABA' SENA** | **RELIĠJON** | **Ħin: Siegħa u nofs** |
|---|---|---|

**Isem:** ___________________________ **Klassi:** _______________

**Taqsima A** **(15 x 2 = 30 marka)**

Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet.

1. F'liema ktieb tal-Bibbja naqraw ir-rakkont tal-ħolqien?

___________________________________________________________________________

2. Semmi **żewġ** veritajiet reliġjużi (messaġġ) li ried iwassal l-awtur tal-Ġenesi fir-rakkont tal-ħolqien.

___________________________________________________________________________

3. Semmi **żewġ** wegħdiet li Alla għamel lil Abraham.

___________________________________________________________________________

4. Semmi **żewġ** għajnuniet li Alla ta lill-Poplu Lhudi matul il-mixja tiegħu fid-deżert.

___________________________________________________________________________

5. Għaliex il-Lhud batew l-eżilju fil-Babilonja?

___________________________________________________________________________

6. Għaliex jibqa' mfakkar Mons. Prof. Pietru Pawl Saydon?

___________________________________________________________________________

7. X'tifhem bil-kelma 'Ispirazzjoni'?

___________________________________________________________________________

8. Liema reliġjon taf il-bidu tagħha lil Siddharta Guatama?

___________________________________________________________________________

9. Xi tfisser 'riinkarnazzjoni'?

___________________________________________________________________________

10. Semmi **tnejn** mill-ħames pilastri tal-fidi Musulmana.

___________________________________________________________________________

11. Għaliex in-nisrani m'għandux ikun superstizzjuż?

___________________________________________________________________________

12. Għaliex is-Sagrament tal-Qrar jissejjaħ ukoll is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni?

________________________________________________

13. Semmi **żewġ** mirakli li għamel Ġesù biex juri s-setgħa tiegħu fuq il-mewt.

________________________________________________

14. Liema parabbola qal Ġesù biex jurina li fil-Knisja hemm il-qaddisin (nies tajba) u l-midinbin.

________________________________________________

15. Fisser il-kelma 'Ekumeniżmu'.

________________________________________________

**Taqsima B** **(5 x 3 = 15-il marka)**

Fisser il-messaġġ reliġjuż ta' dawn is-sentenzi meħuda mill-Bibbja.

1. *"Il-Mulej Alla ħa lill-bniedem u qiegħdu fil-ġnien ta' l-Għeden biex jaħdmu u jħarsu."* (Ġen. 2)

________________________________________________

________________________________________________

2. *"Xewk u għollieq tnibbitlek ... bil-għaraq ta' ġbinek tiekol ħobżok."* (Ġen. 2)

________________________________________________

________________________________________________

3. *"Jien ħarist u rajt it-tbatija tal-poplu tiegħi ... Issa nżilt biex neħlishom."* (Eż. 2,)

________________________________________________

________________________________________________

4. *"Jekk jien qarraqt b'xi ħadd u sraqtu, nroddlu għal erba' darbiet iżjed."* (Lq. 19, 9)

________________________________________________

________________________________________________

5. *"Mur u mil-lum 'il quddiem tidnibx iżjed."* (Ġw. 8, 11)

________________________________________________

________________________________________________

**Taqsima Ċ** **(15-il marka)**

Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.

Mosè tela' ħdejn Alla, u l-Mulej sejjaħlu mill-muntanja u qallu, *"Dan għid lil dar Ġakobb: Rajtu intom x'għamilt lill-Eġizzjani, u kif lilkom ġarrejtkom fuq il-ġwienaħ ta' l-ajkli u ressaqtkom lejja. Issa, jekk tisimgħu leħni u żżommu l-Patt tiegħi, intom tkunu l-wirt tiegħi minn fost il-popli kollha, għax l-art kollha tiegħi ..."* (Eż. 19, 1-6)

Wieġeb:

1. Minn liema ktieb tal-Bibbja hi meħuda din is-silta?

_______________________________________________(marka)

2. Għaliex Alla kkastiga lill-Eġizzjani?

_______________________________________________ (2 marki)

3. Fisser x'kien għamel Alla mal-Lhud?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

4. Xi tfisser il-kelma 'Patt'?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

5. F'hiex kien jikkonsisti l-Patt li Alla ried mal-poplu Lhudi?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (4 marki)

6. Fisser kif b'dan il-Patt Alla ried jiggarantixxi lill-poplu Lhudi u **lilna** l-vera libertà.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (4 marki)

**Taqsima D** **(40 marka)**

Wieġeb fit-tul **TNEJN** minn dawn l-erba' mistoqsijiet fuq karta separata.

**1.** ***"Aħna nafu li int raġel tħobb is-sewwa, u li t-triq ta' Alla tgħallimha kif tassew hi, bla ma tħabbel rasek minn ħadd, għax int lejn wiċċ ħadd ma tħares."*** **(Mt. 22, 16)**

(a) L-għedewwa ta' Ġesù ddikjaraw li Ġesù jħobb il-verità u, dak li għallem, wettqu. Ikteb **żewġ** ġrajjiet mill-ħajja ta' Ġesù biex turi li Ġesù qatt ma għawweġ il-verità anke meta kien jaf li din ser iddaħħlu fl-inkwiet. (2 x 4 = 8 marki)

(b) Fl-istess ħin Ġesù kellu rispett lejn id-dinjità ta' kull bniedem. Ikteb dwar **żewġ** ġrajjiet mill-ħajja ta' Ġesù li juru dan. (2 x 4 = 8 marki)

(ċ) Kif tista' int bħala żagħżugħ/a timita lil Ġesù f'dawn iż-żewġ kwalitajiet (l-onestà u r-rispett lejn kulħadd). Ikteb **madwar 30 kelma**. (4 marki)

2. ***"Morru mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha."*** **(Mt. 28, 19)**

(a) **Ikteb** u **fisser** parabbola ta' Ġesù li biha għallem li l-Knisja Tiegħu riedha tiġbor fiha lil kulħadd. (2 x 4 = 8 marki)

(b) X'setgħat speċjali ta Ġesù lill-appostli Tiegħu biex jibnu u jmexxu l-Knisja Tiegħu fid-dinja matul iż-żminijiet? (2 x 4 = 8 marki)

(ċ) Għaliex għandna bżonn il-Knisja biex insalvaw? (4 marki)

3. ***"Mhux lil ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin għall-indiema."*** **(Lq. 5, 32)**

(a) Ikteb ġrajja mill-ħajja ta' Ġesù, **jew** parabbola li qal Ġesù biex juri li Hu jrid lill-midneb jibdel ħajtu. (8 marki)

(b) X'messaġġ għandha għalik din il-ġrajja jew parabbola? Ikteb **madwar 50 kelma**. (8 marki)

(ċ) X'għandek tagħmel biex f'ħajtek terġa' ddaħħal lil Ġesù u kif għandek tipprepara ruħek biex terġa' tiltaqa' miegħu? (4 marki)

4. **"*Dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred għal ħafna.*"** **(Mk. 14, 24)**

(a) Ikteb kif fit-Testment il-Qadim seħħ il-Patt bejn Alla u l-Poplu Lhudi fuq il-muntanja Sinaj. (8 marki)

(b) X'rabta hemm bejn il-ġrajja tal-Patt fuq is-Sinaj u l-Patt il-Ġdid li għamel Ġesù fl-Aħħar Ċena? (6 marki)

(ċ) Liema huma **ż-żewġ** taqsimiet ewlenin tal-Quddiesa? X'inhi r-rabta ta' bejniethom? (2 + 4 = 6 marki)